# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 428/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mario Cassano**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Mario Cassano, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 141653M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Mejju, 2015 f'dawn il-Gzejjer naqas milli jaghti lil Isabell Mizzi s-somma ta' €200 ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih,

skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma skond Kap 9 tal-Art. 338 (z).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Settembru, 2015 li biha sabet lill-appellant Mario Cassano hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal xahar (1) detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mario Cassano, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Ottubru, 2015 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, izda tirrevokaha u thassarha in kwantu l-appellant kien kkundannat ghall-piena ta' xahar detenzjoni, u minflok tordna li l-istess appellant jkun kkundannat ghal dik il-piena anqas gravuza li joghgbobha timponi din il-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appell odjern jirrigwarda biss il-piena kominata mill-ewwel Qorti fuq il-gravami li hemm lok ghal temperament fil-piena la darba fil-mori kien ser jirrizulta li huwa effettwa l-hlas tal-manteniment minnu dovut. L-appellant jikkontendi illi ghalkemm il-piena mhix wahda sproporzjonata, xorta wahda hemm lok ta' temperament fic-cirkostanzi odjerni;
2. Madankollu, l-parte civile ddikjarat li l-appellant ottompera ruhu wara li inghatat s-sentenza appellata;
3. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, kif del resto jirrikonoxxi ukoll l-appellant, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;
4. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' xahar detenzjoni u minflok tikkundannah ghal-piena ta' hamsa u ghoxrin euro (€25) ammenda.